DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
RIĊERKA INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji** **KARTA MUDELL**

**IT-TMIEN SENA** **IL-ĠEOGRAFIJA** **IL-ĦIN: Siegħa**

**L-Isem: ______________________________** **Il-Klassi: ____________**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha u ikteb ċar.**

**1.** Disinn 1 juri kif tifforma oasi. Ikteb sentenza biex turi x'qed juru n-numri minn 2 sa 5 f'disinn 1. L-ewwel sentenza hija lesta bħala eżempju.




Disinn 1

| | |
|---|---|
| 1 | Ix-xita tinżel fuq il-muntanji fit-tarf tad-deżert. |
| 2 | |
| 3 | |
| 4 | |
| 5 | |

**(8)**

**2.** a. Illejbilja disinn 2 b'dan il-kliem:

**żejt** **ilma** **blat permeabbli**

**bir taż-żejt** **blat impermeabbli** **(2)**



Disinn 2

b. Ikteb dawn is-sentenzi fl-ordni t-tajba biex tispjega x'jiġri wara li ż-żejt jittella' minn taħt id-deżert.

| | |
|---|---|
| Iż-żejt jiġi ttrasportat bil-pipelines lejn il-portijiet | Prodotti taż-żejt irraffinati jiġu esportati. |
| Iż-żejt jiġi ttrasportat lejn il-pajjiżi permezz ta' tankers biex jiġi rraffinat. | Ir-raffinerija tipproduċi prodotti bħaż-żejt u d-diżil. |

| | |
|---|---|
| **1** | |
| **2** | |
| **3** | |
| **4** | |

**(4)**

**3.** Il-ġemel li jidher f'disinn 3 huwa addattat sew biex jgħix fid-deżert. Spjega **erba'** addattamenti tal-ġemel li bihom ikun jista' jgħix fl-ambjent tad-deżert.



Disinn 3

............................................................................................................................................

............................................................................................................................................

............................................................................................................................................

............................................................................................................................................

............................................................................................................................................

............................................................................................................................................

**(8)**

**4.** Disinn 4 juri pjanti li jikbru fid-deżert.

a. Immarka b'(✓) **ħames** karatteristiċi li jgħinu lill-pjanti jgħixu fid-deżert.



| | |
|---|---|
| Siġar twal | |
| Weraq miksija bix-xamgħa | |
| Jaħżnu l-ilma fiz-zokk | |
| Għeruq qosra u mifruxa | |
| Siġar qosra | |
| Weraq żgħar | |
| Bla għeruq | |
| Weraq kbar | |

Disinn 4

**(5)**

b. Spjega kif ix-xewk jgħin lill-kaktus jgħix f’deżert sħun.

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

**(5)**

**5.** Id-deżerti ta’ madwar id-dinja jattiraw lejhom ħafna turisti. Semmi **erba’** attrazzjonijiet turistiċi li nsibu fid-deżerti sħun tas-Saħara.

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

**(8)**

**6.** Aqta’ linja taħt ir-risposta t-tajba:

a. Ix-xita li tidher f’disinn 5 tissejjaħ xita (**orografika** / **frontali** / **konvezzjonali**). **(2)**




Disinn 5

b. Fit-tabella t’hawn taħt spjega kif tifforma din it-tip ta’ xita billi tikteb x’qed jiġri f’kull stadju mmarkat bin-numri 1 sa 3 f’disinn 5.

| | |
|---|---|
| **1** | |
| **2** | |
| **3** | |

**(9)**

**7.** a. Disinn 6 juri tip ta' xita li tagħmel f'Malta. Pinġi disinn 6 bil-kuluri skond kif spjegat hawn fit-tabella.



| | |
|---|---|
| Arja sħuna | Ħamra |
| Arja kiesħa | Blu |
| L-art | Griża |

Disinn 6

**(3)**

b. X'tissejjaħ din it-tip ta' xita? ............................................... **(2)**

c. Spjega kif isseħħ din it-tip ta'xita.

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................ **(6)**

**8.** a. Disinn 7 juri s-saffi ta' blat fil-gżejjer Maltin. Fuq disinn 7, pinġi b'kulur blu fejn insibu ħażna naturali tal-ilma ta' fuq. **(2)**

b. Fuq disinn 7, pinġi b'kulur aħdar il-post fejn insibu l-ilma tal-pjan. **(2)**




Disinn 7

c. Fil-qosor spjega għalfejn l-ilma tal-pjan hu importanti għall-gżejjer Maltin.

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

**(5)**

**9.** Disinn 8 juri modi differenti kif l-ilma tal-pjan jista' jiġi mniġġes. Spjega **tnejn** minn dawn il-modi.



Disinn 9

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

**(6)**

**10.** Aqra din is-silta u wara wieġeb l-mistoqsijiet kollha:

"Illum missieri talabni ngħinu jaħsel il-karozza. Missieri ħareġ il-karozza mill-garaxx u pparkjaha fit-triq. Jien mort inġib il-bramel biex nimlihom bl-ilma tal-bir iżda missieri qalli li se naħslu l-karozza bil-pajp biex inħaffu. Hu qabbad il-pajp mal-vit tal-mejn tal-ilma. Il-pressa tant kienet qawwija li l-ħmieġ beda jinqala' minn mal-karozza mingħajr sforz ta' xejn! L-ilma li beda jċarċar mal-karozza kien maħmuġ ħafna u kellu dbabar suwed ileqqu. Meta kompla jċarċar mal-ġenb tat-triq stħajjiltu xmara sewda!"

a. Semmi **żewġ** modi kif din il-familja qed taħli l-ilma.

.........................................................................................................................................

.........................................................................................................................................

......................................................................................................................................... **(2)**

b. Semmi **żewġ** modi kif din il-familja setgħet tagħmel użu aħjar mill-ilma biex taħsel l-karozza.

.........................................................................................................................................

.........................................................................................................................................

......................................................................................................................................... **(4)**

c. L-ilma maħmuġ tal-karozza jista' jniġġes l-ilma tal-pjan. Spjega kif dan jista' jiġri.

.........................................................................................................................................

.........................................................................................................................................

.........................................................................................................................................

......................................................................................................................................... **(4)**

**11.** Disinn 10 juri impjant tal-osmosi tal-ilma.

a. Fil-qosor spjega kif dan l-impjant jipproduċi ilma tajjeb għax-xorb.



Disinn 10

.........................................................................................................................................

.........................................................................................................................................

......................................................................................................................................... **(3)**

b. Ikteb **żewġ** raġunijiet għaliex huwa importanti li Malta tnaqqas il-produzzjoni ta' ilma mir-reverse osmosis tal-ilma.

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

.......................................................................................................................................... **(4)**

c. F'Malta l-ilma huwa riżorsa skarsa. Semmi **tliet** modi kif inti tista' tnaqqas il-konsum tal-ilma fid-dar.

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

.......................................................................................................................................... **(6)**